**NOMINA TAS-SUR WAYNE GRIXTI GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRPERSON TAL-BORD TAL-AWTORITÀ GĦALL-INNOVAZZJONI DIĠITALI**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. Fiex jikkonsisti r-rwol u l-ħidma tal-MDIA? Iktar ma jgħaddi ż-żmien u l-aspett diġitali jkompli jikber fl-importanza tiegħu, kemm tara li għandha tieħu rwol iktar ċentrali din l-awtorità?

   L-MDIA ġiet imwaqqfa fl-2018, fi żmien fejn it-teknoloġiji emerġenti, bħal fost l-oħrajn il-*blockchain* u l-intelliġenza artifiċjali, kienu qed iwasslu għal żviluppi ta' applikazzjonijiet b'rata mgħaġġla li kienet kważi impossibbli biex jinħolqu liġijiet u linji gwida li jissalvagwardjaw l-interessi tal-partijiet interessati kollha bl-istess pass, aħseb u ara li tippjana minn qabel.

   Dan kien qed iwassal għal żbilanċ u riskji, kemm għal min se juża l-applikazzjoni, kif ukoll għal min qed jibni l-prodotti, individwi jew negozji, għax kienu qed joperaw f'qafas mhux regolat, u dan kien qed iwassal għal nuqqas ta' serħan tal-moħħ lill-utent tat-teknoloġija.

   Minn dejjem fhimna li għandna bżonn insibu bilanċ bejn li nixprunaw l-iżvilupp ta' prodotti diġitali li jużaw it-teknoloġija innovattiva biex is-suq jikber u jgawdu l-konsumaturi u n-negozji, u fl-istess ħin li jinħoloq qafas li jagħmel l-ekosistema sigura biżżejjed biex tissalvagwardja lill-partijiet kollha. Dan kollu b'linji gwida ta' governanza li jiggarantixxu li l-prodotti żviluppati jimxu pari-passu mal-liġijiet kemm ta' Malta kif ukoll dawk Ewropej.

   L-irwol prinċipali tal-MDIA huwa li tirrikonoxxi u tiċċertifika applikazzjonijiet u prodotti bbażati fuq teknoloġija innovattiva, kif ukoll awdituri tekniċi li jsegwu standards internazzjonali biex jagħmlu verifiki li jwasslu għaċ-ċertifikazzjoni. L-Awtorità tippromwovi l-użu tajjeb tal-innovazzjoni diġitali permezz anke ta' implimentazzjoni ta' proġetti ta' innovazzjoni diġitali fil-pajjiż. L-MDIA hija wkoll inkarigata mill-implimentazzjoni ta' l-istrateġija nazzjonali għall-intelliġenza artifiċjali, fejn qed tassigura li jiġu implimentati sitt proġetti pilota sas-sena d-dieħla fost l-oħrajn, kif ukoll timplimenta diversi inizjattivi taħt l-istrateġija Malta Diġitali.

   Rwol ieħor importanti tal-MDIA huwa fejn tidħol il-promozzjoni u l-għarfien dwar teknoloġiji innovattivi, kampanji ta' edukazzjoni kemm lill-pubbliku inġenerali kif ukoll lin-negozji dwar il-benefiċċji u r-riskji li ġġib magħha t-teknoloġija. Dan qed isir b'kollaborazzjoni sħiħa ma entitajiet governattivi oħrajn fosthom il-Fondazzjoni Tech.mt, *Public Private Partnership* bejn il-Gvern u l-Kamra tal-Kummerċ, il-Fondazzjoni eSkills, l-akkademja bħall-Università ta' Malta u l-MCAST, u s-settur tan-negozju fosthom il-Kamra tal-Intrapriżi Kbar u Medji.

   L-aspett diġitali qiegħed dejjem ma jmur jikber fl-importanza tiegħu u għalhekk awtorità bħall-MDIA saret pedina importanti fi struttura governattiva ta' kull pajjiż. Bħala Awtorità regolatorja, l-MDIA għandha tidderieġi u tiffaċilita l-*uptake* ta' teknoloġija innovattiva b'mod sigur u fl-aħjar interess ta' min qed jużaha biex fl-aħħar

nett ikun hawn fiduċja fl-użu tal-istess teknoloġija, b'impatt dirett fuq ħajja u ambjent aħjar, kif ukoll ekonomija diġitali vibranti.

2. Tista' telabora ftit fuq il-karriera tiegħek matul is-snin?

Wara l-ewwel sena tal-kors tal-*ICT* fl-Università ta' Malta, ġejt magħżul mill-MITA, dak iż-żmien MITTS, għall-*workphase* matul is-Sajf. Minn hemmhekk ġejt magħżul minn fost għoxrin student u studenta, flimkien ma grupp żgħir, biex nidħol f'kuntratt ta' xogħol li jeħodni sa sentejn wara li nispiċċa l-kors, bħala *Software Developer*. Mal-MITA għamilt karriera ta' sbatax-il sena fejn okkupajt diversi karigi fosthom *Business Analyst, Consultant* u *Enterprise Architect*. Fil-bidu kont involut fuq *software development* relatat ma *software applications* u *web development* tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Minn hemmhekk ġejt assenjat bħala konsulent fuq il-proġett tal-Karta ta' l-Identità u s-sistema l-ġdida *NIDMS (National Idenity Management System)*. Hemmhekk attendejt diversi laqgħat tal-Kummissjoni Ewropeja fuq livell ta' *working group* fi żmien li kienet qed tiġi mfassla l-*EIDAS Regulation* u l-*Implementing Acts* li kienu jikkonċernaw l-arkitettura sabiex is-sistemi tal-identità elettronika kollha fil-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropeja jkunu interoperabbli.

Il-MITA okkupajt ukoll l-kariga ta' *Enterprise Architect*, fejn kont involut f'diversi inizzjattivi minn dawk tekniċi għal dawk strateġiċi. Ġejt appuntat bħala rappreżentant tal-Gvern ta' Malta fuq il-*European Blockchain Partnership* u rappreżentant mill-MITA fuq it-*Taskforce* nazzjonali tal-*blockchain*.

Wara li ġiet imwaqqfa l-MDIA kienet ħarġet sejħa għal *Chief Technology Officer (CTO)*, fejn hemmhekk ġejt magħżul u fl-ewwel ftit xhur nedejna l-programm ta' ċertifikazzjoni għal sistemi ta' *Distributed Ledger Technology (DLT)* u *Smart Contracts*. Filwaqt li kont f'din il-kariga ġejt nominat bħala *Chairperson* tat-*Taskforce* li ġiet imwaqqfa mill-Gvern fuq l-Intelliġenza Artifiċjali. Fuq l-istess *Taskforce* kien hemm esperti ġejjin minn kull qasam, inkluż mis-settur pubbliku u privat, u l-akkademja. Flimkien irnexxielna noħolqu u nippubblikaw strateġija nazzjonali u viżjoni għal-Intelliġenza Artifiċjali f'Malta sas-sena 2030. Ftit xhur wara nedejna l-ewwel programm ta' ċertifikazzjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, fejn illum qed jiġi diskuss f'livell avvanzat qafas simili mill-Kummissjoni Ewropeja. Tajjeb li nsemmi kif ftit xhur wara li ġiet varata l-istrateġija, din ta' l-aħħar ġiet klassifikata ma l-aħjar għaxra madwar id-dinja.

Wara dik l-esperjenza ġejt magħżul bħala *CTO* tal-linja nazzjonali ta' l-ajru Air Malta. Għalkemm nistqarr li kien żmien diffiċli ħafna kemm minħabba l-pandemija kif ukoll minħabba s-sitwazzjoni ġenerali tal-kumpanija, xorta ħdimt fuq id-diġitalizzazzjoni li kienet tant meħtieġa f'diversi dipartimenti, fosthom dak kummerċjali. Fost ħafna affarijiet oħra, fi żmien relattivament qasir saret bidla sħiħa tal-*website* u l-*internet booking engine*, li ħallew l-frott mill-ewwel ġranet li ġew imnedija.

F'Ottubru li għadda ġejt appuntament bħala Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Tech.mt. Hawnhekk se nkun qed niffoka fuq inizjattivi biex ngħinu aktar negozji fil-qasam tat-teknoloġija jespandu fuq livell internazzjonali, inħajru aktar investiment dirett barrani u nżidu n-numru ta' studenti minn età żgħira li jagħżlu suġġetti fl-*ICT*. Il-viżjoni tiegħi

hi li jkun hemm aktar kollaborazzjoni bejn entitajiet tal-Gvern, kemm f'attivitajiet lokali kif ukoll internazzjonali, u tinħoloq pjattaforma fejn in-negozji jkunu jistgħu jirkbu fuqha biex jiksbu l-għanijiet mixtieqa, filwaqt li investituri barranin jinqdew aħjar u b'mod aktar effiċjenti.

3. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Chairperson tal-MDIA? X'inhi d-distinzjoni bejn dan ir-rwol u r-rwol ta' CEO tal-istess Awtorità?

   Bħal kull *Chairperson* ieħor ta' awtorità regolatorja, dan ir-rwol jinkludi t-tmexxija tal-Bord u jara li hemm sinerġija bejn il-membri biex jassigura li l-Bord qed jiffunzjona tajjeb. B'konsultazzjoni mal-membri tal-Bord u s-*CEO* jara li hemm qbil dwar l-viżjoni u d-direzzjoni strateġika, u li dawn qed jiġu imwettqa. Iċ-*Chairperson*, għalkemm mhux eżekuttiv jara li, fejn hemm bżonn, jipprovdi gwida lis-*CEO* u jaċċerta li ċertu prattiċi qed isiru skond *policies* kif ukoll kif stabbilit fil-liġi u kif titlob l-etika. Iċ-*Chairperson* jirrappreżenta lill-awtorità kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali.

   Is-*CEO* mill-banda l-oħra responsabbli mill-implimentazzjoni ta' l-istrateġija u mill-operat tal-Awtorità. L-irwol ta' *CEO* jirrikjedi li jieħu deċiżjonijiet importanti fejn tidħol il-pożizzjoni u prestazzjoni finanzjarja kif ukoll operattiva. Is-*CEO* irid jara li proġetti u inizjattivi tal-Awtorità qed jiġu implimentati kif pjanat u jeskala lill-Bord fejn hemm bżonn. Is-*CEO* jirrapporta lill-Bord u huwa wkoll responsabbli mis-suċċess tal-Awtorità.

4. Kif qiegħed tara li tkompli tiżviluppa t-tmexxija u l-governanza fi ħdan l-MDIA? X'se jkunu l-prioritajiet tiegħek bħala Chairperson f'dan ir-rigward?

   Illum ninsabu f'pożizzjoni li nistgħu nkomplu nibnu fuq il-pedamenti sodi li nbnew matul iż-żmien li ilha topera l-MDIA. Se nkompli nassigura li l-Awtorità tibqa' topera b'konformità ma standards legali u etiċi, kif ukoll li tippromwovi prattiċi trasparenti u responsabbli f'kull inizzjattiva li tniedi u f'kull deċiżjoni li tieħu.

   Nemmen li t-tmexxija u l-governanza tista' tissaħħaħ b'aktar komunikazzjoni effettiva kemm dik li hija interna kif ukoll esterna. Nibda b'dik interna fejn nara l-importanza li kull persuna li taħdem ma l-MDIA tifhem bi sħiħ il-viżjoni, l-oġġettivi strateġiċi u l-valuri ta' l-Awtorità. Huwa ferm importanti li nkomplu ninvestu fil-kapaċità tal-Awtorità biex tkun tista' tikkontribwixxi b'mod aktar effettiv u b'suċċess għall-industrija tat-teknoloġija f'Malta.

   Mill-banda l-oħra jidher ċar li għad hawn min m'għandux l-għarfien ta' l-għanijiet ta' l-MDIA u għalhekk huwa importanti ħafna li jkun hemm kampanji relatati ma dan is-suġġett. L-iżviluppi fuq livell Ewropej f'dan ir-rigward nemmen li se jkomplu jgħinu, fejn bħalissa qed jiġi diskuss kif kull pajjiż jeħtieġ ikollu entità li tiċċertifika t-teknoloġija, propju wieħed mill-irwoli ta' l-MDIA.

   Prijorità oħra se tkun li nagħtu dimensjoni ġdida lill-qafas legali ta' l-Awtorità bl-għan li jkun *technology neutral* u *future proof*. Dan bil-ħsieb li jilqa' għall-isfidi emerġenti kif ukoll opportunitajiet fil-qasam ta' l-innovazzjoni diġitali. Il-bidliet neċessarji

għaddew minn diversi stadji fosthom konsultazzjoni ma partijiet interessati, fejn issa qed jiġu konsolidati r-rakkomandazzjonijiet sabiex ikun jista' jiġi propost l-abbozz legali għas-smigħ fil-ġimgħat jew xhur li ġejjin.

5. Kif qiegħed tara li qiegħed jiżviluppa s-settur diġitali u dak tal-innovazzjoni f'pajjiżna? Kemm taħseb li l-edukazzjoni f'dan il-qasam tilgħab rwol importanti għall-futur ta' pajjiżna?

   Is-settur diġitali kompla jikber b'rata mgħaġġla dawn l-aħħar snin. L-importanza ta' *workforce* li għandu l-ħiliet meħtieġa u b'mentalità li jrid jibqa' jiġi aġġornat b'mod kontinwu se tkun kruċjali għall-isfidi li għandna quddiemna u għat-tkabbir sostenibbli li potenzjalment jista' jkollha l-ekonomija diġitali ta' pajjiżna.

   Għalkemm l-istatistika qeda turi b'mod kostanti li Malta, meta komparata mal-medja Ewropeja, tinsab f'pożizzjoni tajba ħafna fejn jikkonċerna gradwati fl-*ICT* (jew speċjalizzazzjonijiet oħra bħall-Intelliġenza Artifiċjali), nafu li d-domanda għal ħiliet relatati mat-teknoloġija hija ferm akbar minn kemm fil-verità hemm disponibbli fis-suq.

   Nemmen li hemm kunsens bejn il-ħafna fuq l-importanza ta' l-edukazzjoni fis-settur diġitali, li ma tikkonċernax biss studenti li għadhom mhux ċerti jagħżlux suġġetti *STEM*, iżda wkoll persuni li huma fid-dinja tax-xogħol u l-opportunitajiet li jista' ikollhom fuq *up-skilling* u *re-skilling*.

6. Parti integrali huma wkoll is-sistemi bankarji u servizzi finanzjarji - xi żviluppi qiegħed tara, mil-lenti ta' Chairman prospettiv tal-MDIA, għaż-żmien li ġej?

   Fl-isfond ta' l-iżviluppi settorjali kif ukoll fi sfond regolatorju f'dawn is-setturi, qed naraw enfasi fuq it-teknoloġija wara dawn is-servizzi kif ukoll l-importanza ta' verifikazzjoni ta' din it-teknoloġija anke fuq livell ta' *Cybersecurity*, biex dawn is-servizzi u kull innovazzjoni teknoloġika tkun vijabbli u aċċertata għall-benefiċċju ta' l-utent u ta' l-industrija. Din tibni fuq l-istrateġija u l-viżjoni li kellu l-Gvern meta nieda l-qafas regolatorju biex joħloq lil MDIA li issa qiegħed ukoll jiġi amplifikat għan-neċessitajiet ġodda.

   Tajjeb li wieħed jinnota li l-awtorità regolatorja tas-sistemi bankarji u s-servizzi finanzjarji hija l-MFSA. Iżda b'kollaborazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet nemmen li s-settur jista' jkompli jikber u jissaħħaħ. Kif diġa' semmejt, f'dawn is-setturi, bħal f'ħafna setturi oħrajn, pereżempju s-saħħa u l-edukazzjoni, il-prodotti u s-servizzi qed jibbażaw ħafna, jekk mhux kompletament, fuq it-teknoloġija. Huwa għalhekk li awtorità bħall-MDIA tista' żżied valur billi taħdem id f'id m'awtoritajiet oħrajn, kemm nazzjonali kif ukoll fuq livell Ewropew, biex tkun tista' tiċċertifika li t-teknoloġija li hemm wara s-servizzi hija *fit for purpose*, li dak li qed tgħid li tagħmel veru qed isir, hija sigura, f'konformità ma regolamenti bħal *GDPR*, eċċ.

   Hija din id-dimensjoni ġdida li jiena bħala *Chairperson* nixtieq nagħti lil MDIA. Fejn bħala awtorità iffukata fuq it-teknoloġija, tkun ta' spalla fost l-oħrajn għal awtoritajiet u entitajiet oħrajn u tikkumplimenta x-xogħol siwi li qed isir f'setturi vertikali.

7. X'inhuma l-ikbar sfidi li qiegħed jiffaċċja s-settur teknoloġiku bħalissa? X'qiegħed isir biex jingħelbu dawn l-isfidi?

   Bħal f'kull settur l-isfidi huma kbar, fis-settur teknoloġiku ftit aktar peress li huwa settur orizzontali u hemm dipendenza qawwija fuq l-aspett teknoloġiku. Iżda l-opportunitajiet li qed joħloq dan is-settur jegħlbu bil-bosta l-isfidi. Fil-fehma tiegħi l-akbar sfidi huma dawn:

   i. *Cybersecurity* u l-privatezza tad-data, fejn *data breaches* u serq ta' l-identità diġitali huma riskji li qed iħallu mpatt kemm fuq negozji kif ukoll individwi. Hawnhekk fejn nemmen li hemm bżonn inizzjattivi bħal dik li nediet l-MDIA flimkien ma Tech.mt imsejħa *Mind the Gap*, fejn negozji b'kummerċ elettroniku jistgħu jagħmlu awtovalutazzjoni tas-sistema diġitali onlajn biex jistabbilixxu lakuni ta' *cybersecurity* li jistgħu jeżistu. Dan qed iwassal biex ikun hemm aktar għarfien mill-industrija dwar dawn ir-riskji;

   ii. L-avvanzi b'mod mgħaġġel li qed isiru fid-dinja tat-teknoloġija innovattiva joħolqu sfidi għall-*policy makers*. Hawnhekk fejn nemmen li jeħtieġ jinżamm il-bilanċ u li jkun hemm regolamentazzjoni li ma toħnoqx l-innovazzjoni iżda tixpruna;

   iii. Industriji tradizzjonali qed jaraw opportunitajiet kbar fid-diġitalizzazzjoni ta' l-operat tagħhom li qed iwassal għal *skills gap* u nuqqas ta' ħiliet neċessarji fis-suq tax-xogħol. Kif semmejt qabel l-edukazzjoni f'dan ir-rigward hija kritika u nixtieq nara popolazzjoni b'aktar ħiliet diġitali biex tkompli tiġi żviluppata t-teknoloġija li se tkompli twassal għal titjib fil-produttività fost l-oħrajn; u

   iv. Il-preġudizzju, ġustizzja, responsabbiltà u trasparenza huma kollha kunsiderazzjonijiet etiċi li fil-qasam tat-teknoloġija innovattiva, speċjalment fejn hemm l-intelliġenza artifiċjali, jistgħu joħolqu sfidi jekk ma jkunux ġestiti tajjeb.

8. Fejn qiegħed tara li għandha tkompli tinvesti l-MDIA? Tara li l-MDIA għandha tinvesti fit-taħriġ tal-ħaddiema tal-oqsma li magħhom tmiss it-teknoloġija, l-innovazzjoni u l-aspett diġitali?

   Nemmen bi sħiħ fil-*Continuous Professional Development* tal-individwu. Ħabba n-natura dinamika ta' dan is-settur, kif aċċennajt diversi drabi qabel, l-investiment fl-individwi huwa inevitabbli. Mhux biss l-Awtorità fil-ħaddiema tagħha iżda f'kull negozju, fis-settur pubbliku, fl-iskejjel u f'kull lokalità għandu jkun hemm inizzjattivi ta' tagħlim biex ħadd ma jaqa' lura.

   L-MDIA diġà investit u se tkompli tinvesti f'boroż ta' studju f'dan is-sens, ġiet imnedija wkoll skema għall-kunsilli lokali biex jimplimentaw soluzzjonijiet innovattivi fil-lokalijiet rispettivi, investiment sostanzjali f'sitt proġetti pilota fejn tidħol l-intelliġenza artifiċjali għas-soċjetà, kif ukoll proġett li parti minnu se jkun iffinanzjat minn fondi Ewropej ta' *European Digital Innovation Hub*.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Chairperson tal-Bord tal-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali?

   Kif spjegajt fil-mistoqsijiet u risposti preċedenti (jekk jogħġbok irreferi għar-risposta tat-tielet (3) mistoqsija sottomessa mill-membri tal-Gvern), r-rwol ta' *Chairperson* ta' l-MDIA se jkun:

   1. iffukat fuq governanza tajba, l-għaqda bejn il-membri tal-Bord, skrutinju fuq l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' l-Awtorità, u

   2. kollaborazzjoni b'saħħitha ma' awtoritajiet oħra kemm fuq bażi nazzjonali kif ukoll fuq livell Ewropew, settur privat u l-akkademja.

   Dan kollu fl-interess ta' l-*stakeholders* kollha li jiffurmaw l-ekosistema diġitali tal-pajjiż.

2. Tista' tispjega ċ-ċirkostanzi li wasslu għan-nomina tiegħek bħala Chairperson tal-Bord tal-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali?

   Jekk jogħġbok irreferi wkoll għar-risposta tat-tieni (2) mistoqsija sottomessa mill-membri tal-Gvern. Naħseb li r-raġunijiet li wasslu għan-nomina tiegħi kienu fost l-oħrajn li:

   1. Kelli preparazzjoni sħiħa akkademika;

   2. Naħseb li rnexxieli nikseb reputazzjoni tajba ħafna kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali bis-suċċessi li ksibt; u hawnhekk nixtieq nagħmel parentesi li s-suċċessi li wasalt għalihom dejjem kienu b'sapport b'saħħtu mill-familja tiegħi u tim ta' individwi li ħadmu bi sħiħ, f'kull proġett li kont qed immexxi; u

   3. Għandi esperjenza twila kemm teknika kif ukoll maniġerjali f'dan il-qasam. Il-karriera tiegħi bdiet bħala *Software Developer*, li nistqarr li llum il-ġurnata ftit li xejn għandi ħin għall-*coding*, bejn xogħol u familja, iżda nibqa' ngħożż dak iż-żmien għaliex sal-lum il-ġurnata nista' nifhem u nilbes iż-żarbun ta' persuni b'isfond divers. Minbarra s-suġġett, din l-esperjenza tgħini nifhem anke d-diffikultajiet li negozji u ħaddiema f'dan is-settur qed jiffaċċjaw.

3. X'esperjenza u/jew għarfien għandek fis-settur tal-innovazzjoni diġitali?

   Jekk jogħġbok irreferi għar-risposta tat-tieni (2) mistoqsija sottomessa mill-membri tal-Gvern u r-risposta tat-tieni (2) mistoqsija preċedenti.

   1. Bdejt il-karriera tiegħi bħala *Software Developer* mal-MITA fejn hemmhekk għamilt sbatax-il sena u okkupajt diversi karigi ta' *Business Analyst, Consultant* u *Enterprise Architect*;

   2. Attendejt diversi laqgħat tal-Kummissjoni Ewropeja fejn tidħol l-*EIDAS Regulation* u l-*European Blockchain Partnership*;

3. Kont membru tal-*blockchain taskforce* u *Chairperson* tat-*taskforce* fuq l-Intelliġenza Artifiċjali;

4. Okkupajt il-pożizzjoni ta' *Chief Technology Officer* kemm mal-MDIA kif ukoll mal-linja nazzjonali ta' l-ajru, Air Malta; u

5. Illum ninsab il-Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Tech.mt li hija *Public Private Partnership* bejn il-Gvern u l-Kamra tal-Kummerċ.

4. X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għall-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali għal matul iż-żmien tal-ħatra tiegħek bħala Chairperson?

   Jekk jogħġbok irreferi għar-risposta tar-raba' (4) mistoqsija sottomessa mill-membri tal-Gvern. Il-punti ewlenin huma li:

   1. Inkomplu ninvestu fil-kapaċità tal-Awtorità biex tkun tista' tikkontribwixxi b'mod aktar effettiv u b'suċċess għall-industrija tat-teknoloġija f'Malta;

   2. Nagħtu dimensjoni ġdida lill-qafas legali ta' l-Awtorità bl-għan li jkun *technology neutral* u *future proof*. Il-prinċipju jibqa' li nsibu l-bilanċ bejn ir-regolamentazzjoni u l-ixprunar ta' l-innovazzjoni;

   3. Nippromwovu l-użu tajjeb tat-teknoloġija permezz ta' tisħiħ tal-komunikazzjoni u koperazzjoni ma entitajiet oħra u l-industrija;

   4. Tiġi mplimentata l-istrateġija ta' l-Awtorità;

   5. Inniedu aktar inizzjattivi bħal *Mind the Gap* biex inkompli jasal il-messaġġ dwar għarfien fir-rigward ta' *cybersecurity*; u

   6. Jibda jopera l-*European Digital Innovation Hub*.

5. Xi sfidi tara li għandha quddiemha l-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali?

   Jekk jogħġbok irreferi għar-risposta tas-seba' (7) mistoqsija sottomessa mill-membri tal-Gvern. Fil-fehma tiegħi l-punti ewlenin ta' l-akbar sfidi huma:

   i. *Cybersecurity* u l-privatezza tad-data;

   ii. L-avvanzi b'mod mgħaġġel li qed isiru fid-dinja tat-teknoloġija innovattiva*;*

   iii. Id-diġitalizzazzjoni ta' l-operat fl-industriji tradizzjonali; u

   iv. Il-kunsiderazzjonijiet etiċi fil-qasam tat-teknoloġija innovattiva.

6. X'taħseb li kienu n-nuqqasijiet tal-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali matul l-aħħar snin?

   Fil-bidu li ġew artikolati l-liġijiet, kemm ta' l-MDIA kif ukoll ta' l-*Innovative Technology Arrangements* konna diġà' qed nifhmu li s-settur ta' l-innovazzjoni diġitali se jikber b'mod esponenzjali, fejn dak iż-żmien it-teknoloġija *blockchain*, jew aħjar *Distributed Ledger Technology (DLT),* kienet qed tiżviluppa b'mod veloċi. L-applikazzjoni tagħha fid-dinja tal-*cryptocurrencies* triplikat l-iżvilupp ta' din it-teknoloġija – simili ta' li qed jiġri llum fuq *AI* u *Metaverse*. L-isfida prinċipali li kellna dak iż-żmien kienet biex inwasslu l-messaġġ li t-teknoloġija ma kienitx *disruptive* fil-qasam ta' *crypto* biss, iżda f'diversi setturi oħra fosthom is-saħħa u l-edukazzjoni. Din ma kienitx biss sfida għal pajjiżna iżda fuq livell globali.

   Aktar minn hekk meta ġew imfassla l-linji gwida biex jiġu ċċertifikati sistemi bbażati fuq *DLTs* ir-rekwiżiti biex wieħed japplika kienu xi ftit jew wisq onerużi meta tqis li dawn huma fuq bażi volontarja. Dan kollu huwa sostanzjat minn kummenti li l-industrija espremit tul dawn l-aħħar xhur u huma kollha lezzjonijiet meħuda, u li bihom se nimxu 'l quddiem. Tajjeb li nżommu f'moħħna li dak iż-żmien ma kienx hemm mudelli ta' pajjiżi oħrajn lejn fuq xiex inħarsu peress li konna l-ewwel pajjiż li varajna dawn il-liġijiet u linji gwida. Fl-istess ħin irridu nkunu umli biżżejjed biex nifhmu li ċertu affarijiet, għalkemm nemmen bi sħiħ li b'intenzjoni tajba, ma waslux għall-frott mixtieq; hawnhekk nixtieq nagħmel parentesi li jien kont parti mill-*blockchain taskforce* u mit-tmexxija ta' l-MDIA dak iż-żmien.

7. X'taħseb li kienu l-kisbiet tal-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali matul l-aħħar snin?

   Bla dubju, meta nara li llum il-ġurnata l-Unjoni Ewropeja qed tadotta kunċetti, bħal pereżempju li jkun hemm awtorità ffukata fuq l-innovazzjoni diġitali f'kull pajjiż membru u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġija innovattiva, kif ukoll it-*Technology Assurance Sandbox* kemm fil-*blockchain* u l-intelliġenza artifiċjali, u li aħna bħala Malta ilna noperaw f'dan il-kuntest ħames snin, hija bla dubju waħda mill-ikbar kisbiet. Għalkemm kif diġà' spjegajt għadna ma rajniex il-frott mixtieq, għandna pedamenti sodi li nistgħu nkomplu nibnu fuqhom.

   Matul iż-żmien l-Awtorità rat ukoll kif timraħ fuq inizzjattivi lil hinn miċ-ċertifikazzjoni biss, li hawnhekk nemmen li għamlet b'suċċess, bħal pereżempju t-tnedija ta' boroż ta' studju, l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija nazzjonali fuq l-intelliġenza artifiċjali, u l-*European Digital Innovation Hub* fost l-oħrajn.

8. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser joħolqu kunflitt ta' interess f'każ li tiġi maħtur Chairperson tal-Bord tal-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali?

   Bħalissa jiena l-Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Tech.mt, li hija *Public Private Partnership* bejn il-Gvern u l-Kamra tal-Kummerċ, kif ukoll nagħti konsulenza privata mil-att tekniku fuq bażi *part-time*. L-irwol fi ħdan Tech.mt jikkumplimenta l-kariga ta' *Chairperson* u se jsaħħaħ ir-relazzjonijiet u l-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet.

Il-viżjoni tiegħi f'dan ir-rigward hi li jkun hemm aktar kollaborazzjoni bejn entitajiet tal-Gvern, kemm f'attivitajiet lokali kif ukoll internazzjonali, u tinħoloq pjattaforma fejn in-negozji jkunu jistgħu jirkbu fuqha biex jiksbu l-għanijiet mixtieqa, filwaqt li investituri barranin jinqdew aħjar u b'mod aktar effiċjenti.

Dan m'huwiex qed joħloq kunflitt ta' interess u ma narax li jista' jkun hemm xi kunflitti, pero' qed niddikjara li jekk għal xi raġuni jew oħra fil-futur, sakemm inkun qed nokkupa l-kariga ta' *Chairperson*, nara li se jkun hemm xi dubju ta' kunflitt, nieħu passi mill-ewwel kif titlob l-etika professjonali u fuq kollox prinċipji u valuri personali.

9. Tista' tindika x'karigi oħra beħsiebek iżżomm f'każ li tkun maħtur bħala Chairperson tal-Bord tal-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali?

   Ser inkun qed inżomm il-kariga ta' Kap Eżekuttiv ma Tech.mt kif spjegajt fir-risposta għall-mistoqsija numru tmienja (8) preċedenti.